32002D0409

L 142/74 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 31.5.2002

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2001

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni ta' trasport kombinat

(2002/409/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 71 u 93, flimkien mat-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi:

(1) Il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni ta' trasport kombinat (minn issa 'l quddiem "Ftehim") jipprovdi mezz xieraq għall-iżvilupp akbar tar-relazzjonijiet tat-trasport bejn il-partijiet kontraenti.

(2) Il-konklużjoni tal-Ftehim jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern minħabba li se jippromwovi traffiku ta' transitu mir-Rumanija għal trasport intern bejn il-Greċja u l-Istati Membri l-oħra u b'hekk jippermetti li jsir kummerċ intra-Komunitarju li għandu jkun imwettaq bl-inqas spiża possibbli għall-pubbliku inġenerali u jnaqqas għal minimu l-ostakoli amministrattivi u tekniċi li jaffettwawh.

(3) Il-konklużjoni tal-Ftehim jippromwovi trasport kombinat, bil-ħsieb li jipproteġi l-ambjent.

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni ta' trasport kombinat qiegħed b'hekk ikun approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mhemuż ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika li hemm prevista fl-Artikolu 19 tal-Ftehim.

*L-Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti tal-membri tal-Kunsill, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Komunità / Kumitat tat-Trasport tar-Rumanija (minn issa 'l quddiem irreferut bħala "il-Kumitat") stabbilit bl-Artikolu 13 tal-Ftehim.

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kumitat għandha tkun adottata mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi meta d-deċiżjoni li l-Kumitat jipproponi li jieħu jkollha x'taqsam mar-regoli ta' proċeduri tal-Kumitat.

Id-Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. DAEMS

[1] ĠU C 154 E, tad-29.3.2001, p. 227.

[2] ĠU C 72 E, tal-21.3.2002, p. 141.